

22001D0001

L 66/42

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

8.3.2001

## DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

**Nru 1/2001**

**tal-31 ta' Jannar 2001**

**li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni tekniċi) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iż-żejjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 74/2000 tat-2 ta' Ottubru 20001 (¹).
- (2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/21/KE tal-25 ta' Marzu 1999 dwar ikel djetetiku għal għanijiet mediċi speċjali (²), kif ikkoreġuta bil-ĠU L 2, tal-5.1.2000, p. 79, għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

### Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 54v (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/217/KE) fil-Kapitolu XII ta' l-Anness II għall-Ftehim:

"54w. **399 L 0021:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/21/KE tal-25 ta' Marzu 1999 dwar ikel djetetiku għal għanijiet mediċi speċjali, kif ikkoreġuta bil-ĠU L 2, tal-5.1.2000, p. 79, (ĠU L 91, tas-7.4.1999, p.29)."

### Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/21/KE, kif ikkoreġuta bil-ĠU L 2, tal-5.1.2000, p. 79, fil-lingwa Isländiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, għandhom ikunu awtentiċi.

### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Frar 1998, sakemm ikunu saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

(¹) ĠU L 315, ta' l-14.12.2000, p. 11.

(²) ĠU L 91, tas-7.4.1999, p. 29, kif ikkoreġuta bi ĠU L 2, tal-5.1.2000, p. 79.

(\*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.

---

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fil-31 ta' Jannar 2001.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

P. WESTERLUND

---